



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0396/2013

19.11.2013

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-perjodu 2014 sa 2020 il-Programm dwar il-Ġustizzja (COM(2011)0759 – C7-0439/2011 – 2011/0369(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteurs: Luigi Berlinguer, Philip Claeys

(Laqgħat tal-Kumitati assoċjati - Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-baġi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	51
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS- SESSI.....	60
PROCĊEDURA	74

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi għall-perjodu 2014 sa 2020 il-Programm dwar il-Ġustizzja
(COM(2011)0759 – C7-0439/2011 – 2011/0369(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0759),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 81(1) u (2), 82(1) u 84 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0439/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-11 ta' Lulju 2012¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Lulju 2012²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern skont l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0000/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

¹ ĠU C 299, 4.10.2012, p. 103.

² ĠU C 277, 13.9.2012, p. 43.

REGOLAMENT (UE) NRU .../2013

TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

**li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(1) u (2), l-Artikolu 82(1), u l-Artikolu 84 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu **■** .

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (*TFUE*) jipprevedi l-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fiha l-persuni jkollhom l-libertà ta' moviment. Għal dak l-għan, l-Unjoni tista' tadotta miżuri għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali u għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità. ***Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għall-prinċipji komuni bħan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd, l-istat tad-dritt u sistema ġudizzjarja indipendenti li tiffunzjona b'mod tajjeb għandhom jiġu żgurati fl-iżvilupp ulterjuri ta' Ispazju Ewropew ta' Ġustizzja.***

¹ ĠU C 299, 4.10.2012, p. 103.

² ĠU C 277, 13.9.2012, p. 43.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

- (2) **Fil-Programm ta' Stokkolma¹, il-Kunsill Ewropew saħaq** dwar il-prijorità li jkun żviluppat spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u **speċifika** l-kisba ta' Ewropa tad-dritt u l-ġustizzja **bħala prijorità** politika. Il-finanzjament **kien** identifikat bħala wieħed mill-għodda importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-prijoritajiet politiċi tal-Programm ta' Stokkolma. **Il-miri ambizzjużi stabbiliti mit-Trattati u mill-programm ta' Stokkolma għandhom ikunu realizzati inter alia bit-twaqqif, għall-perijodu 2014 sa 2020, ta' Programm dwar il-Ġustizzja (il-"Programm ") li jkun flessibbli u effikaċi, li jiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni. L-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm għandhom jiġu interpretati f'konformità mal-linji gwida strateġiċi rilevanti definiti mill-Kunsill Ewropew.**
- (3) Il-Komunikazzjoni **tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010** dwar **l-Istrateġija** tal-Ewropa 2020 tistabbilixxi strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Spazju ta' ġustizzja li jiffunzjona tajjeb, fejn l-ostakli fi proċedimenti ġudizzjarji transkonfinali u għal aċċess għall-ġustizzja f'sitwazzjonijiet transkonfinali jiġu eliminati, għandu jiġi żviluppat bħala element ewlieni għall-appoġġ tal-oġġettivi speċifiċi u l-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 u **għall-faċilitazzjoni ta' mekkaniżmi intiżi biex jippromwovu t-tkabbir.**

¹ ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

- (3a) *Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "il-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju" għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-imħallfin, il-prosekuturi u l-uffiċjali tal-qorti, kif ukoll professjonisti legali oħrajn assoċjati mas-sistema ġudizzjarja, bħall-avukati, in-nutara, il-marixxalli tal-qorti, il-probation officers, il-medjaturi u l-interpreti tal-qorti.*
- (3b) *It-taħriġ ġudizzjarju huwa ċentrali għall-bini ta' fiduċja reċiproka u jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-prattikanti ġudizzjarji fid-diversi Stati Membri. It-taħriġ ġudizzjarju għandu jittqies bħala element essenzjali fil-promozzjoni tal-kultura ġudizzjarja Ewropea ġenwina fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2013¹, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-taħriġ tal-persunal ġudizzjarju, il-prosekuturi u l-imħallfin fl-Unjoni Ewropea ², il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 u t-28 ta' Ottubru 2011 dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2012 dwar it-taħriġ ġudizzjarju.*
- (3c) *It-taħriġ ġudizzjarju jista' jinvolvi atturi differenti, bħall-awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi tal-Istati Membri, istituzzjonijiet akkademiċi, korpi nazzjonali responsabbli għat-taħriġ ġudizzjarju, organizzazzjonijiet jew networks ta' taħriġ fil-livell Ewropew jew networks ta' koordinaturi tal-qorti tal-liġi tal-Unjoni. Il-korpi u entitajiet li jfittxu l-interess ġenerali Ewropew fil-qasam tat-taħriġ tal-ġudikatura, bħan-Netzwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA), in-Netzwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ), l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea (ACA Europe), in-Netzwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea (RPCSJUE) u l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA) għandhom ikomplu jaqdu r-rwol tagħhom fil-promozzjoni ta' programmi ta' taħriġ b'dimensjoni Ewropea ġenwina għall-ġudikatura u persunal ġudizzjarju, u għaldaqstant ikunu jistgħu jingħataw appoġġ finanzjarju adegwat f'konformità mal-proċeduri u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali adottati mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament.*
- (3d) *L-Unjoni għandha tiffaċilita attivitajiet ta' taħriġ dwar l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE billi tikkunsidra s-salarji tal-ġudikatura parteċipanti u l-persunal ġudizzjarju mġarrba mill-awtoritajiet tal-Istati Membri bħala spejjeż eliġibbli jew kofinanzjament in natura, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ (ir-"Regolament Finanzjarju").*
- (3e) *L-aċċess għall-ġustizzja għandu jinkludi, b'mod partikolari, l-aċċess għall-qrati, għal metodi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' disputi u għal dawk li għandhom karigi pubbliċi li huma obbligati bil-liġi li jipprovdur lill-partijiet b'pariri legali indipendenti u imparzjali.*

¹ *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Inkattru l-fiduċja f'Ġustizzja Ewropea. Dimensjoni ġdida għat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew.*

² *Riżoluzzjoni tal-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar it-taħriġ tal-persunal ġudizzjarju, il-prosekuturi u l-imħallfin fl-Unjoni Ewropea (ĠU C 299, 22.11.2008, p 1).*

³ *Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).*

(3f) *F'Diċembru 2012, il-Kunsill approva l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2013-2020)¹, li timmira li tieħu approċċ bilanċjat ibbażat fuq it-tnaqqis simultanju fid-domanda għad-droga u l-provvista tad-droga filwaqt li tirrikonoxxi li t-tnaqqis fid-domanda għad-droga u t-tnaqqis fil-provvista tad-droga huma elementi reċiproċi li jsaħħu l-politika dwar d-drogi illeċiti. Dik l-Istrateġija għad għandha, bħala wieħed mill-objettivi ewlenin tagħha, il-mira li tikkontribwixxi għal tnaqqis miżurabbli fid-domanda għad-droga, fid-dipendenza mid-droga u fir-riskji u l-ħsara għas-saħħa u s-soċjetà relatati mad-droga. Billi l-programm Prevenzjoni u Informazzjoni dwar id-Droga, stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² kien ibbażat fuq bażi legali ta' saħħa pubblika u jkopri dawk l-aspetti, il-Programm huwa bbażat fuq bażi legali differenti u għandu jimmira lejn l-iżvilupp ulterjuri ta' qasam Ewropew tal-ġustizzja bbażat fuq għarfien reċiproku u fiduċja reċiproka, b'mod partikolari bil-promozzjoni tal-kooperazzjoni gudiżzarja. Għalhekk, bħala rispons għall-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u f'konformità mal-baży legali ta' kull programm, il-Programm Saħħa għat-Tkabbir stabbilit mir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, jista' jappoġġa miżuri li jikkomplementaw l-azzjoni tal-Istati Membri fil-kisba tal-objettiv ta' tnaqqis tal-ħsara għas-saħħa relatata mad-droga, inklużi l-proviżjoni ta' tagħrif u l-prevenzjoni.*

¹ ĠU C 402, 29.12.2012, p. 1.

² Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku 'Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga' bħala parti mill-Programm Ġenerali Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23).

³ ĠU L, , p. ...

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument .../2013.

- (3g) *Element ieħor importanti tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2013-2020) huwa t-tnaqqis fil-provvista tad-droga. Billi l-Fond għas-Sigurtà Interna stabbilit mir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ * għandu jappoġġa azzjonijiet immirati lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u tipi oħra ta' kriminalità, u b'mod partikolari miżuri li jolqtu l-produzzjoni, il-manifattura, l-estrazzjoni, il-bejgħ, it-trasport, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' droga illegali, inkluż il-pussess u x-xiri bil-ħsieb ta' involviment f'attivitajiet ta' traffikar tad-droga, il-Programm tal-Ġustizzja għandu jkopri dawk l-aspetti tal-politika tad-drogi li mhumiex koperti mill-Fond għas-Sigurtà Interna jew mill-Programm Saħħa għat-Tkabbir u li huma strettament marbuta mal-objettiv ġenerali tiegħu.*
- (3h) *Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi żgurat il-finanzjament kontinwu tal-prijoritajiet taħt il-perijodu ta' pprogrammar 2007-2013 li nżammu bħala objettivi taħt l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-Drogi (2013-2020), u għalhekk il-fondi għandhom ikunu disponibbli mill-Programm Saħħa għat-Tkabbir, mill-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Programm tal-Ġustizzja f'konformità mal-prijoritajiet rispettivi u l-bażijiet legali tagħhom filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe finanzjament doppju.*

¹ *ĠU L, , p. ...*

* *Nota lill-ĠU: daħħal in-numru fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument .../2013.*

- (3i) *Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta') u l-Konvenzjoni tal-1989 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Programm għandu jappoġġa l-protezzjoni tad-drittijiet tal-tfal, inkluż id-dritt għal proċess ġust, id-dritt għall-fehim tal-proċedimenti, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-integrità u d-dinjità. Il-Programm għandu jimmira, b'mod partikolari, li jżid il-protezzjoni tat-tfal fi ħdan sistemi tal-ġustizzja u l-aċċess għall-ġustizzja għat-tfal u għandu jintegra l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha tiegħu.*
- (3j) *Skont l-Artikoli 8 u 10 tat-TFUE, il-Programm għandu jappoġġa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-objettivi tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-attivitajiet kollha tiegħu. Għandu jsir regolament monitoraġġ u valutazzjoni sabiex jiġi evalwat il-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jiġu indirizzati fl-attivitajiet tal-Programm.*

- (4) L-esperjenza tal-azzjoni fil-livell tal-Unjoni uriet li l-kisba **tal**-objettivi **tal-Programm** fil-prattika titlob ġabra ta' strumenti, inklużi **atti legali**, inizjattivi ta' politika u finanzjament. Il-finanzjament huwa għodda importanti li tikkomplementa l-miżuri legiſlattivi. ■
- (4a) ***Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 u t-23 ta' Settembru 2011 dwar it-titjib tal-effiċjenza ta' programmi finanzjarji futuri tal-Unjoni b'appoġġ għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-Kunsill enfasizza r-rwol importanti tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni fl-implimentazzjoni effiċjenti tal-acquis tal-Unjoni u tenna l-ħtieġa għal aċċess aktar trasparenti, flessibbli, koerenti u simplifikat għal dawk il-programmi.***
- (5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ***tad-29 ta' Ġunju 2011*** intitolata 'Baġit għall-Ewropa 2020' tisħaq fuq il-ħtieġa għar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-finanzjament mill-Unjoni. ***B'mod partikolari meta titqies il-kriżi ekonomika attwali, huwa tal-akbar importanza li l-fondi tal-Unjoni jiġu strutturati u ġestiti bl-aktar mod diliġenti.*** Simplifikazzjoni effettiva u ġestjoni effiċjenti tal-finanzjament jistgħu jinkisbu permezz ***ta'*** tnaqqis fl-għadd ta' programmi u ***permezz tar-***razzjonalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tal-finanzjament.

- (6) **Bħala tweġiba għall-ħtieġa ta' simplifikazzjoni u ġestjoni effiċjenti tal-finanzjament u aċċess aktar faċli għalih, il-Programm għandu jkompli u jiżviluppa** attivitajiet preċedentement imwettqa fuq il-bażi ta' tliet programmi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/126/ĠAI¹, id-Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u d-Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. **L-*evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu ta' dawk il-programmi jinkludu rakkomandazzjonijiet bil-għan li tittejjeb l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi. Jeħtieġ li l-konklużjonijiet ta' dawk l-*evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-*evalwazzjonijiet ex-post rispettivi, jitqiesu fl-implimentazzjoni tal-Programm.*****

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/126/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013, bħala parti mill-programm ġenerali dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja, il-programm speċifiku 'Ġustizzja Kriminali' (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 13).

² Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-programm speċifiku 'Ġustizzja Ċivili' bħala parti mill-programm ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja' (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 16).

³ Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku 'Prevenzjoni tal-konsum tad-droga u informazzjoni lill-pubbliku' bħala parti mill-Programm Ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja' (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23).

(8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *tad-19 ta' Ottubru 2010* intitolata 'Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE' u *l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2011* intitolata 'Baġit għall-Ewropa 2020' jenfasizzaw l-importanza li l-finanzjament jiġi ffokat fuq azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew ċar, jiġifieri fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jagħti valur addizzjonali meta mqabbel mal-azzjoni tal-Istati Membri waħedhom. L-azzjonijiet koperti b'dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, biex b'hekk tiżdied il-kooperazzjoni u n-netwerking transkonfinali u l-kisba tal-applikazzjoni korretta, koerenti u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' finanzjament għandhom jikkontribwixxu wkoll biex jinkiseb għarfien aħjar u effettiv tal-liġi tal-Unjoni u tal-politiki minn dawk kollha kkonċernati u għandhom jipprovdu bażi analitika soda għall-appoġġ u l-iżvilupp ta' leġislazzjoni u politiki tal-Unjoni ***u billi jagħmlu dan jagħtu kontribut għall-infurzar u l-implimentazzjoni tajba tagħhom.*** L-intervent tal-Unjoni jippermetti li dawk l-azzjonijiet isiru b'mod konsistenti madwar l-Unjoni u jwassal għal ekonomiji ta' skala. Barra minn hekk, l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tindirizza sitwazzjonijiet transkonfinali u tipprovdi pjattaforma Ewropea għal taġlim reċiproku.

- (8a) *Fl-għażla tal-azzjonijiet għall-finanzjament taħt il-Programm, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-proposti fil-kuntest ta' kriterji identifikati minn qabel. Dawk il-kriterji għandhom jinkludu valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew tal-azzjonijiet proposti. Jista' jintwera li l-proġetti nazzjonali u l-proġetti fuq skala żgħira wkoll għandhom valur miżjud Ewropew.*
- (8b) *Il-korpi u l-entitajiet li jkollhom aċċess għall-Programm għandhom jinkludu l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali.*
- (11) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-**Programm** li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza ewlenija, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' ... 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

¹ *ĠU C, p. ...*

* *Nota lill-ĠU: daħħal id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali fid-dokument 11838/13.*

- (11a) *Sabiex ikun żgurat li l-Programm ikun suffiċjentement flessibbli biex jirrispondi għall-bidliet fi ħtiġijiet u l-prijoritajiet korrispondenti ta' politika matul tulu kollu, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-modifika tal-persentaġġi stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament għal kull grupp ta' objettivi speċifiċi li jaqbżu dawk il-persentaġġi b'iżjed minn ħames punti perċentwali. Sabiex titqies il-ħtieġa ta' tali att iddelegat, dawk il-persentaġġi għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-pakkett finanzjarju tal-Programm għal tulu kollu, u mhux abbażi tal-appropriazzjonijiet annwali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa tul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inklużi dawk fil-livell espert. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

- (12) Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'konformità sħiħa mar-Regolament *Finanzjarju*. *Partikolarment fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imħallsa mill-benefiċjarji tal-għotjiet, l-eliġibbiltà tal-VAT m'għandhiex tiddependi mill-istatus legali tal-benefiċjarji għal attivitajiet li jistgħu jitwettqu minn korpi u entitajiet privati u pubbliċi taħt l-istess kondizzjonijiet legali. Filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-għanijiet u l-attivitajiet koperti minn dan ir-Regolament, għandu jiġi ċċarat fis-sejħiet għal proposti li, għall-attivitajiet li jistgħu jsiru kemm minn korpi u entitajiet pubbliċi kif ukoll minn dawk privati, il-VAT imġarrba minn korpi u entitajiet pubbliċi li ma tistax titnaqqas għandha tkun eliġibbli, sa fejn titħallas fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' attivitajiet, bħat-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni pubblika, li ma jistgħux jitqiesu bħala l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika. Dan ir-Regolament għandu juża wkoll l-għodod ta' simplifikazzjoni introdotti mir-Regolament Finanzjarju.* Barra minn hekk, il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati għandu jkollhom l-għan li r-riżorsi finanzjarji disponibbli jiġu allokatu għal azzjonijiet li jiġġeneraw l-ogħla impatt fir-rigward tal-oġettiv ta' politika li għandu jinkiseb.

- (13) Sabiex ikunu żgurati **kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament**, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-programmi **annwali ta' ħidma**. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru **182/2011** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (13a) ***Il-programmi ta' ħidma annwali adottati mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament għandhom jiżguraw distribuzzjoni adatta tal-fondi bejn għotjiet u kuntratti tal-akkwist pubbliku. Il-Programm għandu primarjament jalloka fondi għal għotjiet, waqt li jżomm livelli ta' finanzjament suffiċjenti għall-akkwist. Il-persentaġġ minimu tan-nefqa annwali li għandu jingħata għal għotjiet għandu jiġi stabbilit fil-programmi ta' ħidma annwali u m'għandux ikun inqas minn 65 %. Biex jiġu ffaċilitati l-ippjanar u l-kofinanzjament ta' proġetti mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi skeda ta' żmien għas-sejthiet għal proposti, għażla ta' proġetti u deċiżjonijiet ta' għotja.***

¹ Regolament (UE) Nru **182/2011** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar **2011** li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13*).

- (14) Sabiex tiġi żgurata l-allokkazzjoni effiċjenti ta' fondi mill-baġit **ġenerali** tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jinkisbu konsistenza, komplementarjetà u sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament li jappoġġjaw l-oqsma ta' politika li huma relatati mill-qrib ma' xulxin, partikolarment bejn dan il-Programm u l-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza stabbilit bir-Regolament (UE) .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1*}, l-Istrument għall-appoġġ finanzjarju tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata stabbilit bir-Regolament (UE) .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{2*}, il-Programm dwar is-Saħħa għat-Tkabbir stabbilit bir-Regolament (UE) .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{3*}, il-Programm Erasmus+ stabbilit bir-Regolament (UE) .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{4*}, il-Programm Qafas Orizzont 2020 stabbilit bir-Regolament (UE) .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{5*} u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{6*}.

¹ ĠU L, , p. ...

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument st 89/13.

² ĠU L, , p. ...

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument st .../13.

³ ĠU L, , p. ...

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument st .../13.

⁴ ĠU L, , p. ...

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument st 63/13.

⁵ ĠU L, , p. ...

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument st 67/13.

⁶ ĠU L, , p. ...

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru fit-test u fin-nota f'qiegħ il-paġna daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument st .../13.

- (16) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tan-nefqa, inklużi l-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi li jkunu ntilfu, imħallsa bi żball jew użati b'mod inkorrett u, fejn ikun il-każ, permezz tal-impożizzjoni ta' pieni **amministrattivi u finanzjarji** f'konformità mar-**Regolament Finanzjarju**.
- (17) Sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għodod adatti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu. Għal dan il-għan, huwa għandu jiddefinixxi objettivi ġenerali u speċifiċi. Biex titkejjel il-kisba ta' dawn l-objettivi speċifiċi, għandu jiġi stabbilit sett ta' indikaturi konkreti u kwantifikabbli li għandu jibqa' validu għat-tul kollu tal-**Programm. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' monitoraġġ li għandu jkun ibbażat inter alia fuq l-indikaturi stabbiliti f'dan ir-Regolament u li għandu jagħti informazzjoni dwar l-użu tal-fondi disponibbli.**

(17a) Il-Programm għandu jiġi implimentat b'mod effettiv, filwaqt li jirrispetta l-ġestjoni finanzjarja tajba, filwaqt li jippermetti wkoll għal applikanti potenzjali l-aċċess effettiv tal-Programm. Sabiex tappoġġa l-aċċess effettiv għall-Programm, il-Kummissjoni għandha tuża l-aħjar sforzi tagħha biex tissimplifika u tarmonizza l-proċeduri ta' applikazzjoni u d-dokumenti, il-formalitajiet amministrattivi u r-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja, tneħħi l-piżijiet amministrattivi u tinkoraġġixxi applikazzjonijiet għall-għotjiet minn entitajiet li jinsabu fi Stati Membri li huma inqas rappreżentati fil-Programm. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq webpage ddedikata informazzjoni dwar il-Programm, l-oġettivi tiegħu, id-diversi sejħiet għal proposti u l-iskedi ta' ħin tagħhom. Dokumenti bażiċi u linji gwida relatati mas-sejħiet għal proposti għandhom ikunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tat-Trattati.

- (17b) *F'konformità mal-punt (l) tal-Artikolu 180(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012¹ (ir-'Regoli ta' Applikazzjoni'), il-ftehimiet dwar l-għotjiet għandhom jistipulaw dispożizzjonijiet li jirregolaw il-viżibbiltà tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, fejn ma tkunx possibbli jew xierqa preżentazzjoni pubblika.*
- (17c) *F'konformità mal-Artikoli 35(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 21 tar-Regoli ta' Applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod adatt u f'waqtu, informazzjoni dwar ir-riċevituri u dwar in-natura u l-għan tal-miżura ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Dik l-informazzjoni għandha ssir disponibbli b'osservanza xierqa tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-data personali.*

¹ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (*ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1*).

- (18) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja ibbażat fuq ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, partikolarment permezz tal-promozzjoni ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' saħansitra, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar **fil-livell tal-Unjoni**, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-**TUE**. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.
- (19) ■ F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-**TUE** u t-**TFUE**, **l-Irlanda** nnotifikat ix-xewqa **tagħha** li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ■.

- (19a) ***F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-TUE u t-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu .***
- (20) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (20a) ***Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-finanzjament tal-attivitajiet preċedentement imwettqa abbażi tad-Deċiżjoni 2007/126/ĠAI, tad-Deċiżjoni 1149/2007/KE u tad-Deċiżjoni 1150/2007/KE, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,***

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

█

Artikolu 1
Stabbiliment u tul tal-Programm

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Programm dwar il-**Ġustizzja** ('il-Programm').
2. Il-Programm għandu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 .

Artikolu 3
Valur miżjud Ewropew

1. Il-Programm għandu jiffinanzja azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew **li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja**. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet magħżulin għall-finanzjament ikunu maħsubin biex jipproduċu riżultati b'valur miżjud Ewropew .
2. **Il-valur miżjud Ewropew tal-azzjonijiet, inkluż dak ta' azzjonijiet fuq skala żgħira u nazzjonali, għandu jiġi vvalutat fid-dawl ta' kriterji bħall-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni konsistenti u koerenti tad-dritt tal-Unjoni u għal kuxjenza pubblika wiesgħa dwar id-drittijiet li jirriżultaw minnha, il-potenzjal tagħhom biex jiżviluppaw fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u biex itejbu l-kooperazzjoni transkonfinali, l-impatt transnazzjonali tagħhom, il-kontribut tagħhom għall-elaborazzjoni u d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki jew il-potenzjal tagħhom li jholqu għodod u soluzzjonijiet prattiċi li jindirizzaw l-isfidi transkonfinali jew l-isfidi li jolqtu l-Unjoni kollha.**

Artikolu 4

Objettiv ġenerali

L-objettiv ġenerali tal-Programm għandu jkun li jikkontribwixxi biex ***ikompli jiġi żviluppat*** Spazju Ewropew ta' ġustizzja, ***ibbażat fuq ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, b'mod partikolari*** permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali.

Artikolu 5

Objettivi speċifiċi

- I. Sabiex jinkiseb l-objettiv ġenerali imsemmi fl-Artikolu 4, il-Programm għandu jkollu l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:
 - (a) ***tiġi faċilitata u appoġġata*** l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali;
 - (aa) ***jiġi appoġġat u promoss it-taħriġ ġudizzjarju, inkluż it-taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, bil-ħsieb li titrawwem kultura legali u ġudizzjarja komuni;***

- (b) jiġi faċilitat l-aċċess *effettiv* għall-ġustizzja *għal kulħadd, inkluż li jiġu promossi u appoġġati l-vittmi tal-kriminalità, waqt li jiġu rispettati d-drittijiet tad-difiża;*
- (ba) *jiġu appoġġati inizjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-drogi fir-rigward ta' aspetti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' prevenzjoni tal-kriminalità konnessi mill-qrib mal-objettiv ġenerali tal-Programm tal-Ġustizzja, dment li ma jkunux koperti mill-Fond għas-Sigurtà Interna jew mill-Programm Saħħa għat-Tkabbir.*

2. *L-objettivi speċifiċi tal-programm għandhom jiġu segwiti permezz, b'mod partikolari, ta':*

- (a) *aktar sensibilizzazzjoni pubblika u għarfien pubbliku dwar id-dritt u l-politiki tal-Unjoni;*

- (aa) bil-ħsieb li tiġi żgurata kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva f'materji ċivili u kriminali li ttejjeb l-għarfien tad-dritt tal-Unjoni, inklużi l-liġi sostantiva u proċedurali, l-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u l-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u l-liġi komparattiva;**
- (b) l-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettiva, komprensiva u konsistenti tal-istrumenti u l-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom;**
- (c) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transkonfinali, it-titjib tal-għarfien u l-fehim reċiproku tad-dritt ċivili u kriminali u tas-sistemi legali u ġudizzjarji tal-Istati Membri u t-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka;**
- (d) it-titjib tal-għarfien u l-fehim ta' ostakli potenzjali għall-funzjonament bla xkiel tal-Ispazju Ewropew tal-ġustizzja;**

- (e) *it-titjib tal-effiċjenza ta' sistemi ġudizzjarji u l-kooperazzjoni tagħhom permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż l-interoperabbiltà transkonfinali tas-sistemi u l-applikazzjonijiet.*

Artikolu 5a

Integrazzjoni

Fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha tiegħu, il-Programm għandu jfittex li jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u li jippromwovi d-drittijiet tat-tfal, inter alia permezz ta' ġustizzja li tqis l-interessi tat-tfal. Huwa għandu jikkonforma wkoll mal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 21 tal-Karta, f'konformità ma' u fil-limiti stabbiliti mill-Artikolu 51 tal-Karta.

Artikolu 6

Tipi ta' azzjonijiet

I

- I.* Il-Programm għandu jiffinanzja fost l-oħrajn it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

- (a) attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' data u statistika; **l**-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn adatt, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżijiet u sħarriġ **■**; **l**-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; **■** workshops, seminars, laqgħat ta' esperti **u** konferenzi;
- (b) attivitajiet ta' taħriġ **■**, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, **inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l**-iżvilupp ta' **għodod ta' taħlim elettroniku** u moduli ta' taħriġ oħrajn **għall-membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju**;
- (c) taħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi; **l**-organizzazzjoni ta' reviżjoni bejn il-pari u taħlim reċiproku; **l**-organizzazzjoni ta' konferenzi **■**, seminars, kampanji ta' informazzjoni **■** inkluża komunikazzjoni **istituzzjonali dwar** prijoritajiet ta' politika tal-**Unjoni safejn dawn jirrelataw għall-oġettivi tal-Programm; il**-ġabra u l-pubblikazzjoni ta' materjal għat-tixrid ta' informazzjoni **dwar il-Programm u** r-riżultati **tiegħu**; l-**■** iżvilupp, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, **inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika bħala għodda ta' titjib tal-aċċess ta-ċittadini għall-ġustizzja**;

- (d) appoġġ għall-atturi ewlenin *li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-obiettivi tal-Programm*, bħall-appoġġ għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-linji ta' politika tal-Unjoni, appoġġ għall-atturi prinċipali Ewropej *u netwerks fil-livell Ewropew, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju; u appoġġ għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew* fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati *kif ukoll* awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u *organizzazzjonijiet mhux governattivi*.

2. In-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju għandu jirċievi għotja operattiva biex tiġi kofinanzjata n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu.

Artikolu 7
Parteċipazzjoni

1. L-aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għall-korpi u l-entitajiet kollha, legalment stabbiliti fi:
- (a) l-Istati Membri;

- (b) il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma Partijiet għall-Ftehim **■** *dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea*, skont *dak* il-Ftehim;
- (c) pajjiżi kandidati, *kandidati potenzjali* u pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni mal-Unjoni, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u kondizzjonijiet ġenerali stipulati għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet ta' Kunsilli ta' Assoċjazzjoni, jew fi ftehimiet simili.

1a. Il-korpi u entitajiet li huma orjentati lejn il-profitt għandhom ikollhom aċċess għall-Programm biss flimkien ma' organizzazzjonijiet bla skop ta' qligħ jew dawk pubbliċi.

2. Il-korpi u entitajiet legalment stabbiliti **■** f'pajjiżi terzi, *minbarra dawk* li jipparteċipaw fil-Programm *skont il-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1, b'mod partikolari* pajjiżi fejn tapplika l-Politika Ewropea tal-Viċinat, jistgħu jkunu assoċjati *mal-azzjonijiet tal-Programm bi spejjeż tagħhom*, jekk dan iservi l-iskop ta' *dawk* l-azzjonijiet.

3. ***Il-Kummissjoni tista' tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-programmi rilevanti ta' ħidma annwali. L-aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għal organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fl-oqsma koperti mill-Programm skont ir-Regolament Finanzjarju u l-programmi rilevanti ta' ħidma annwali.***

Artikolu 8

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm **għall-perijodu 2014 sa 2020** għandu jkun ta' EUR [377,604 miljun].
2. L-allokkazzjoni finanzjarja tal-Programm tista' tkopri wkoll nefqiet relatati ma' attivitajiet ta' thejjiġa, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni, li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u għall-**valutazzjoni tal-kisba** tal-oġġettivi tiegħu. ***L-allokkazzjoni finanzjarja tista' tkopri spejjeż relatati mal-azzjonijiet ta' studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u komunikazzjoni meħtieġa***, inkluża l-komunikazzjoni ***istituzzjonali*** tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, safejn dawn ikunu relatati mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament, ***kif ukoll*** in-nefqiet marbuta man-netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni ***u*** assistenza oħra teknika u amministrattiva meħtieġa ***marbuta mal-ġestjoni*** tal-Programm ***mill-Kummissjoni***.

3. L-approprijazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-**Parlament Ewropew u mill-Kunsill** fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru .../2013^{1*} ta' XX.
- 3a. ***Fil-pakkett finanzjarju għall-Programm, l-ammonti għandhom ikunu allokatil kull objettiv speċifiku skont il-persentaġġi stabbiliti fl-Anness.***
- 3b. ***Il-Kummissjoni ma għandhiex tmur lil hinn mill-persentaġġi allokatil fil-pakkett finanzjarju, kif stabbiliti fl-Anness, b'iżjed minn ħames punti għal kull kull objettiv speċifiku. Jekk ikun meħtieġ li jinqabeż dak il-limitu, il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa li tadotta atti ddelegati taħt l-Artikolu 8a biex timmodifika kull figura fl-Anness b'iżjed minn ħames, u sa għaxar, punti perċentwali.***

Artikolu 8a
Eżerċizzju ta' delega

1. ***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati b'dan hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.***
2. ***Is-setgħa li jiġu adottati atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 8(3b) hija mogħtija lill-Kummissjoni għat-tul tal-Programm.***

¹ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru .../2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (*ĠU L*, , p. ..).

* *Nota lill-ĠU: daħħal fl-Artikolu u fin-nota f'qiegħ il-paġna in-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument 11791/13.*

3. *Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 8(3b) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandu tiegħu effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.*
4. *Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.*
5. *Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 8(3b) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

Artikolu 9
Miżuri implimentattivi

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Programm skont ir-Regolament **Finanzjarju** .

2. Sabiex timplimenta l-Programm, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali fl-għamla ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura *ta' eżami* msemmija fl-Artikolu 10(2).
- 2a. ***Kull programm ta' ħidma annwali għandu jimplimenta l-objettivi tal-programm billi jiddetermina dan li ġej:***
- (a) ***l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu, skont l-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 4 u l-Artikolu 5(1), inkluża l-allokkazzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji;***

(b) *l-eliġibbiltà, l-għażla u l-kriterji ta' għotja essenzjali li għandhom jintużaw biex jintgħażlu l-proposti li għandhom jirċievu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 94 tar-Regoli ta' Applikazzjoni tiegħu;*

(c) *il-persentaġġ minimu tan-nefqa annwali li għandha tiġi allokata lill-għotjiet.*

2b. *Għandha tiġi żgurata distribuzzjoni adatta u ġusta ta' appoġġ finanzjarju bejn l-oqsma differenti koperti b'dan ir-Regolament. Meta tiddeċiedi dwar l-allokazzjoni ta' fondi għal dawn l-oqsma fil-programmi ta' ħidma annwali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtieġa li jinżammu livelli ta' finanzjament suffiċjenti kemm għall-ġustizzja ċivili, il-ġustizzja kriminali u għat-taħriġ u l-inizjattivi ġudizzjarji fil-qasam tal-politika tad-drogi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm.*

2c. *Is-sejħiet għal proposti għandhom jiġu ppubblikati fuq bażi annwali.*

- 2d. ***Sabiex jiġu ffaċilitati attivitajiet ta' taħriġ ġudizzjarju, l-ispejjeż assoċjati mal-partekipazzjoni tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju f'dawk l-attivitajiet u mġarrba mil-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati f'konformità mar-Regolament Finanzjarju meta jiġi pprovdut il-finanzjament.***

Artikolu 10
Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 11
Komplementarjetà

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura konsistenza, komplementarjetà u sinerġiji b'mod ġenerali ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, li jinkludu, fost l-oħrajn, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza, l-Istrument għall-appoġġ finanzjarju tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, il-Programm dwar is-Saħħa għat-Tkabbir, il-Programm Erasmus+, il-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

- 1a. *Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll b'mod ġenerali l-konsistenza, il-komplementarjetà u s-sinerġiji mal-ħidma tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni li joperaw f'oqsma koperti mill-objettivi tal-Programm, bħall-Eurojust stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja¹ u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².*
2. Il-**Programm** jista' jikkondividi riżorsi ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza, biex jimplimenta azzjonijiet li jilħqu l-objettivi taż-żewġ programmi. Azzjoni li tkun ingħatat finanzjament mill-Programm tista' twassal ukoll għall-ġhoti ta' finanzjament mill-Programm dwar id-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza, dment li l-finanzjament ma jkoprix l-istess entrati tal-ispejjeż.

Artikolu 12

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan il-**Programm**, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'kontrolli effettivi u, jekk jiġu skoperti xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti imħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' pieni **amministrattivi u finanzjarji effettivi**, proporzjonati u **dissważivi**.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (*ĠUL 63, 6.3.2002, p. 1*).

² Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (*ĠUL 376, 27.12.2006, p. 1*).

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' verifika, kemm abbażi ta' dokumenti kif ukoll fuq **█** il-post **█** , fuq il-benefiċjarji kollha tal-għotja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċevew fondi tal-Unjoni skont il-Programm.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-**Frodi** (OLAF) jista' jwettaq **investigazzjonijiet, inklużi** verifiki u spezzjonijiet fuq il-post **█** , f'konformità mad-**dispożizzjonijiet u** l-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96² bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kien hemmx frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt **iffinanzjat taħt il-Programm**.

¹ *Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).*

² *Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).*

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi **1, 2 u 3**, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u **ma'** organizzazzjonijiet internazzjonali, **kuntratti**, ftehimiet ta' għotja, deċiżjonijiet ta' għotja u kuntratti **li** jirriżultaw mill-implimentazzjoni **tal-Programm** għandu **jkollhom dispożizzjonijiet** li b'mod espliċitu **jagħtu s-setgħa** lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF biex iwettqu l-verifiki **u investigazzjonijiet imsemmija f'dawk il-paragrafi, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.**

Artikolu 13

Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-Programm **kull sena** sabiex issegwi l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet imwettqa taħtu **u** l-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 5. Il-monitoraġġ għandu jipprovdi wkoll mezz ta' valutazzjoni tal-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jkunew ġew indirizzati fl-**azzjonijiet kollha tal-Programm.**

2. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bi:
- (-a) *rapport ta' monitoraġġ annwali, ibbażat fuq l-indikaturi* stabbiliti fl-Artikolu 13a(1) u fuq l-użu tal-fondi disponibbli;
 - (a) rapport ta' evalwazzjoni interim ■ sat-30 ta' Ġunju 2018;
 - (b) rapport ta' evalwazzjoni ex-post *sal-31 ta' Diċembru 2021*.
3. Ir-rapport ■ ta' evalwazzjoni interim *għandu jivvaluta* l-kisba tal-oġġettivi tal-Programm, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tal-Programm bl-għan li jiġi determinat jekk il-finanzjament f'oqsma koperti mill-Programm *għandhomx* jiġu mġedda, modifikati jew sospiżi wara l-2020. Huwa għandu jindirizza wkoll l-ambitu għal kwalunkwe simplifikazzjoni tal-Programm, il-koerenza interna u esterna tiegħu, kif ukoll ir-rilevanza kontinwata tal-oġġettivi u l-azzjonijiet kollha tiegħu. Dan għandu jieħu kont tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet ex-post tal-programmi *ta' qabel l-2007-2013 stabbiliti bid-Deċiżjonijiet imsemmija* fl-Artikolu 14.

4. Ir-rapport tal-evalwazzjoni ex-post *għandu jivvaluta* l-impatti *fit-tul* tal-Programm u *s-sostenibbiltà tal-effetti* tal-Programm, bil-għan li *jsejjes* deċiżjoni dwar programm sussegwenti.
- 4a. *L-evalwazzjonijiet għandhom jivvalutaw ukoll il-mod kif il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni ġew indirizzati fl-azzjonijiet tal-Programm.*

Artikolu 13a

Indikaturi

1. *F'konformità mal-Artikolu 13, l-indikaturi stabbiliti fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu għandhom iservu ta' bażi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni sal-punt li kull wieħed mill-obiettivi speċifiċi tal-Programm stabbiliti fl-Artikolu 5 jkun intlaħaq permezz tal-azzjonijiet previsti fl-Artikolu 6. Dawn għandhom jitkejlu skont linji bażi predefiniti li jirriflettu s-sitwazzjoni qabel l-implimentazzjoni. Fejn ikun rilevanti, l-indikaturi għandhom ikunu differenzjati skont, inter alia, is-sess, l-età u d-diżabbiltà.*
- 1a. *L-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu, inter alia, dawn li ġejjin:*
- (a) *l-għadd u l-persentaġġ ta' persuni fi grupp immirat milħuqa b'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ffinanzjati mill-Programm;*
 - (b) *in-numru u l-persentaġġ ta' membri tal-ġudikatura u ta' persunal ġudizzjarju li pparteċipaw f'attivitajiet ta' taħriġ, skambji ta' persunal, żjarat ta' studju, workshops u seminars iffinanzjati minn dan il-Programm;*

- (c) *it-titjib fil-livell tal-għarfien tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni fil-gruppi li jipparteċipaw f'attivitajiet iffinanzjati mill-programm b'paragun mal-grupp immirat kollu;*
- (d) *l-għadd ta' każijiet, attivitajiet u riżultati ta' kooperazzjoni transkonfinali, inkluża kooperazzjoni permezz tal-użu ta' għodod tat-teknoloġija informatika u ta' proċeduri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni;*
- (e) *il-valutazzjoni tal-parteċipanti dwar l-attivitajiet li jkunu pparteċipaw fihom u dwar is-sostenibbiltà (mistennija) tagħhom;*
- (f) *il-kopertura ġeografika tal-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm.*

2. *Flimkien mal-indikaturi stabbiliti fil-paragrafu 1a, ir-rapport ta' evalwazzjoni interim u dak ex post tal-Programm għandhom jivvalutaw, inter alia:*
- (a) *l-impatt perċepit tal-Programm dwar l-aċċess għal ġustizzja bbażata fuq data kwalitattiva u kwantitattiva miġbura fil-livell Ewropew;*
 - (b) *in-numru u l-kwalità tal-istrumenti u l-għodod żviluppati permezz tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm;*
 - (c) *il-valur miżjud Ewropew tal-Programm, inkluż evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Programm fid-dawl ta' inizjattivi simili li ġew żviluppati fil-livell nazzjonali jew Ewropew u li mhumiex appoġġati minn finanzjament tal-Unjoni, u r-riżultati (mistennija) tagħhom u l-vantaġġi u/jew l-iżvantaġġi tal-finanzjament tal-Unjoni b'paragun mal-finanzjament nazzjonali għat-tip ta' attività konċernata;*

- (d) *il-livell ta' finanzjament relatat mal-eżiti miksubin (effiċjenza);*
- (e) *l-ostakli possibbli amministrattivi, organizzattivi u/jew strutturali għall-implimentazzjoni aktar effettiva u effiċjenti u bla xkiel tal-Programm (lok għal simplifikazzjoni).*

Artikolu 14
Miżuri transizzjonali

L-azzjonijiet li jinbnew abbażi tad-Deċiżjoni 2007/126/ĠAI, tad-Deċiżjoni 1149/2007/KE jew tad-Deċiżjoni 1150/2007/KE għandhom ikomplu jkunu regolati mid-dispożizzjonijiet ta' daww id-Deċiżjonijiet, sakemm jitlestew. Fir-rigward ta' daww l-azzjonijiet, kull referenza għall-Kumitati prevista fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 2007/126/ĠAI, fl-Artikoli 10 u 11 tad-Deċiżjoni 1149/2007/KE u fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 1150/2007/KE, għandha tiġi interpretata bħala referenza għall-Kumitat previst fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

ALLOKAZZJONI TA' FONDI

Fil-pakkett finanzjarju għall-Programm, l-ammonti għandhom jiġu allokat kif ġej għal kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 5(1):

Objettivi speċifiċi

Sehem mill-pakkett finanzjarju (%)

(a) ***biex tiġi faċilitata u appoġġata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u***

kriminali

30%

- (b) *biex jiġi appoġġat u ssir il-promozzjoni tat-taħriġ ġudizzjarju, inkluż it-taħriġ lingwistiku dwar it-terminoloġija legali, bil-ħsieb li titrawwem kultura legali u ġudizzjarja komuni*
35%
- (c) *biex jiġi faċilitat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd, inkluż li jiġu promossi u appoġġati l-vittmi tal-kriminalità, waqt li jiġu rispettati d-drittijiet tad-difiża 30%*
- (d) *biex jiġu appoġġati inizzjattivi fil-qasam tal-politika dwar id-drogi fir-rigward ta' aspetti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' prevenzjoni tal-kriminalità konnessi mill-qrib mal-oġettivi ġenerali tal-Programm [tal-Ġustizzja], dment li ma jkunux koperti mill-Fond għas-Sigurtà Interna jew mill-Programm Saħħa għat-Tkabbir.*
5%.
-

12.7.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-perjodu 2014 sa 2020 il-Programm dwar il-Ġustizzja (COM(2011)0759 – C7-0439/2011 – 2011/0369(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Matera

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni rressqet proposta għall-Programm dwar il-Ġustizzja 2014-2020 bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) li jmiss, bl-objettiv ġenerali li jinholq spazju Ewropew għall-ġustizzja permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'kwistjonijiet ċivili u kriminali.

Filwaqt li s-semplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni huma l-miri tiegħu, il-Programm dwar il-Ġustizzja huwa l-programm suċċessiv ta' tliet programmi attwali: Ġustizzja Ċivili (JCIV), Ġustizzja Kriminali (JPEN) u Programm ta' Prevenzjoni u Informazzjoni dwar id-Droga (DPIP). Il-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-impatt, ikkonkludiet li l-fużjoni ta' dawn it-tliet programmi għandha tippermetti approċċ ta' finanzjament komprensiv fil-qasam tal-ġustizzja.

Il-Programm dwar il-Ġustizzja għandu tliet objettivi speċifiċi:

- il-promozzjoni ta' applikazzjoni effikaċi, komprensiva u konsistenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kwistjonijiet ċivili u kriminali;
- il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja;
- il-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-domanda u l-provvista tad-drogi.

Filwaqt li r-Rapporteur taqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni, tinsab imħassba li l-kwistjonijiet dwar id-droga jistgħu jingħataw anqas attenzjoni b'dan il-format il-ġdid.

Il-proposta tal-Kummissjoni tiddikjara li l-indikatur ewlieni għall-kejl tal-ilħuq ta' dawn l-objettivi għandu jkun fost oħrajn, in-numru ta' każijiet ta' kooperazzjoni transkonfinali u l-perċezzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja. Ir-rapporteur tfakkar li l-każijiet ta' kooperazzjoni transkonfinali u l-perċezzjoni mhumiex l-indikaturi ideali sabiex jitkejjel il-progress, billi

dawn huma influwenzati minn diversi fatturi, li bosta minnhom huma barra l-ambitu tal-Programm dwar il-Ġustizzja.

L-appropriazzjonijiet finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandhom jammontaw għal EUR 472 miljun (fil-prezzijiet attwali). Mingħajr ma titqies l-inflazzjoni u bl-aġġustamenti meħtieġa għall-programm, l-ammont ta' fondi ddedikat għall-ħolqien ta' spazju għall-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea fil-futur huwa komparabbli mal-finanzjament fil-QFM attwali.

Il-Programm dwar il-Ġustizzja propost mill-Kummissjoni għall-perjodu 2014-2020 għandu jiġi approvat bl-emendi li ġejjin.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali u lill-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitati responsabbli, sabiex jinkorporaw l-emendi li ġejjin fir-rapport tagħhom:

Emenda 1

Abbozz ta' risoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jindika li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġislattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġislattiva u dan ma jistax ikun iffissat sakemm jintlaħaq qbil fuq il-proposta għal regolament dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020;

Emenda 2

Abbozz ta' risoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Ifakkar fir-Risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titolu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali

(QFM) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva¹; itenni li huma meħtieġa riżorsi addizzjonali suffiċjenti fil-QFM li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-prijoritajiet politiċi eżistenti tagħha u twettaq il-kompiti ġodda previsti mit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll biex tindirizza sitwazzjonijiet mhux mistennija; jistieden lill-Kunsill, f'każ li ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti politiċi tiegħu jistgħu jitneħħew kompletament, minkejja l-garanzija tal-valur miżjud Ewropew tagħhom; jirrimarka li anke b'żieda ta' 5 % fil-livell tar-riżorsi għall-QFM li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013, tkun tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata għall-ilħuq tal-oġettivi u l-impenji miftiehma tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni;

¹ *Testi adottati, P7_TA(2011)0266.*

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Filwaqt li l-Programm ta' Prevenzjoni tad-Droga u Informazzjoni kien ibbażat fuq bażi legali ta' saħħa pubblika u għalhekk kien ikopri kunsiderazzjonijiet relatati mas-saħħa, b'mod partikolari t-tnaqqis ta' ħsarat għas-saħħa assoċjati mal-użu tad-droga, il-programm Ġustizzja jindirizza l-politika kontra d-droga mill-angolu tal-prevenzjoni ***kontra l-kriminalità***. It-traffiku illegali tad-droga u attivitajiet illegali oħra relatati mad-drogi għandhom ikunu l-attenzjoni ewlenija tal-finanzjament relatat mad-droga taħt il-programm il-ġdid.

Emenda

(7) Filwaqt li l-Programm ta' Prevenzjoni tad-Droga u Informazzjoni kien ibbażat fuq bażi legali ta' saħħa pubblika u għalhekk kien ikopri kunsiderazzjonijiet relatati mas-saħħa, b'mod partikolari t-tnaqqis ta' ħsarat għas-saħħa assoċjati mal-użu tad-droga; il-programm Ġustizzja *għandu* jindirizza l-politika ***tal-prevenzjoni tad-droga u dik kontra d-droga mill-angolu tal-prevenzjoni tal-kriminalità u tar-reċidività. L-għarfien tal-pubbliku, il-prevenzjoni tat-traffikar tad-droga***, it-traffiku illegali tad-droga u attivitajiet illegali oħra relatati mad-drogi għandhom ikunu l-attenzjoni ewlenija tal-finanzjament relatat mad-droga taħt il-

programm il-ġdid.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Biex timplimenta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, dan ir-Regolament għandu jipprevedi għodod xierqa għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tagħha. Għal dan il-għan, hija għandha tiddefinixxi għanijiet ġenerali u speċifiċi. Biex titkejjel il-kisba ta' dawn l-oġettivi speċifiċi, għandu jiġi stabbilit sett ta' indikaturi li għandu jibqa' validu għal kemm idum il-Programm.

Emenda

(10) Biex timplimenta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, dan ir-Regolament għandu jipprevedi għodod xierqa għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tagħha. Għal dan il-għan, hija għandha tiddefinixxi għanijiet ġenerali u speċifiċi. Biex titkejjel il-kisba ta' dawn l-oġettivi speċifiċi, għandu jiġi stabbilit sett ta' indikaturi ***konkrete u li jistgħu jitkejlu*** li għandu jibqa' validu għal kemm idum il-Programm. ***Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew dwar il-progress lejn l-oġettivi, filwaqt li tuża l-indikaturi bħala punti ta' referenza.***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(10a) Huwa importanti li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja soda tal-programm, kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu bl-aktar mod effikaċi u sempliċi għall-utent possibbli, filwaqt li jiġu żgurati wkoll iċ-ċertezza legali u l-aċċessibilità tal-programm għall-parteċipanti kollha.

Emenda

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) It-titjib fl-implimentazzjoni u l-kwalità tal-infiq għandhom jikkostitwixxu prinċipji gwida biex jinkisbu l-objettivi tal-programm, filwaqt li jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji;

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-kisba tal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 4, il-Programm għandu jkollu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) il-promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva, komprensiva u konsistenti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-objettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, l-għadd ta' każi ta' kooperazzjoni transkonfinali.

(b) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-objettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, il-perċezzjoni Ewropea dwar l-aċċess għall-ġustizzja.

(c) il-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-domanda għad-drogi u tad-disponibilità tagħhom.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-objettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, l-għadd ta' każi ta' kooperazzjoni transkonfinali.

Għall-kisba tal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 4, il-Programm għandu jkollu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) il-promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva, komprensiva u konsistenti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-objettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, l-għadd ta' każi **b'suċċess** ta' kooperazzjoni transkonfinali.

(b) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-objettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, il-perċezzjoni Ewropea dwar l-aċċess għall-ġustizzja.

(c) il-prevenzjoni u t-tnaqqis **sostanzjali** tad-domanda għad-drogi u tad-disponibilità tagħhom.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-objettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, l-għadd ta' każi **b'suċċess** ta' kooperazzjoni

transkonfinali.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' reviżjoni ta' esperti ugwali fil-qasam; organizzazzjoni ta' konferenzi u laqgħat; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti medjatiċi, fosthom komunikazzjoni **korportattiva** tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea; *compilation and publication of materials to disseminate information as well as results of the Programme*; żvilupp, operat u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jlaħħaq il-EUR 472 miljun.

Emenda

(c) tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' reviżjoni ta' esperti ugwali fil-qasam; organizzazzjoni ta' konferenzi u laqgħat; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti medjatiċi; fosthom komunikazzjoni tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea, *għbir u pubblikazzjoni ta' materjal għat-tixrid tal-informazzjoni u tar-riżultati tal-Programm*; żvilupp, operat u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

Emenda

1. ***Fit-tifsira tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' .../... bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba***, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm ***għall-perjodu mill-2014 sal-2020, li jirrappreżenta r-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja tul il-proċedura***

baġitarja annwali, għandu jlaħħaq il-EUR 472 miljun.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet annwali li huma disponibbli *fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru XX/XX ta' XX* li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin bejn l-2014 u l-2020.

Emenda

3. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet annwali li huma disponibbli *mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament* li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin bejn l-2014 u l-2020 *u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba.*

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza, il-komplimentarjetà u s-sinerġiji globali ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, fost *l-oħrajn*, mal-Programm dwar id-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza, l-Istrument għall-appoġġ finanzjarju tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, il-Programm dwar is-Saħħa għat-Tkabbir, il-Programm Erasmus għal kulħadd, il-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

Emenda

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza, il-komplimentarjetà u s-sinerġiji globali ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, fost *l-oħrajn*, mal-Programm dwar id-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza, l-Istrument għall-appoġġ finanzjarju tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, il-Programm dwar is-Saħħa għat-Tkabbir, il-Programm Erasmus għal kulħadd, il-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni. *Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll il-konsistenza globali, il-komplimentarjetà u s-sinerġiji mal-aġenziji tal-UE li l-mandati tagħhom*

ikopru l-istess oqsma bħall-programm.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-programm jista' jaqsam riżorsi ma' strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Programm dwar Drittijiet u Ċittadinanza, biex jimplimenta azzjonijiet li jilhqqu l-oġġettivi taż-żewġ programmi. Azzjoni partikolari li tkun ingħatat finanzjament mill-Programm tista' twassal għall-għoti ta' finanzjament mill-Programm dwar id-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza, sakemm il-finanzjament ma jkunx ikopri l-istess partiti tal-kostijiet.

Emenda

2. Il-programm jista' jaqsam riżorsi ma' strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Programm dwar Drittijiet u Ċittadinanza, biex jimplimenta azzjonijiet li jilhqqu l-oġġettivi taż-żewġ programmi. Azzjoni partikolari li tkun ingħatat finanzjament mill-Programm tista' twassal għall-għoti ta' finanzjament mill-Programm dwar id-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza, sakemm il-finanzjament ma jkunx ikopri l-istess partiti tal-kostijiet, ***u s-sors doppju ta' fondi jiġi evitat billi s-sorsi tal-finanzjament jiġu indikati biċ-ċar għal kull kategorija ta' nefqa, skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.***

PROCĊEDURA

Titolu	Programm Ġustizzja għall-2014-2020	
Referenzi	COM(2011)0759 – C7-0439/2011 – 2011/0369(COD)	
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 14.12.2011	LIBE 14.12.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 14.12.2011	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Barbara Matera 6.2.2012	
Artikolu 51 - Laqgħat konguntivi ta' kumitati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.3.2012	
Data tal-adozzjoni	12.7.2012	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 -: 3 0: 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Jean Louis Cottigny, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Anne E. Jensen, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Barbara Matera, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Helga Trüpel	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Bendt Bendtsen, Frédéric Daerden, Gerben-Jan Gerbrandy, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Jutta Steinruck, Theodor Dumitru Stolojan, Nils Torvalds	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Leonardo Domenici	

15.10.2012

**OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA
BEJN IS-SESSI**

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi għall-
perjodu 2014 sa 2020 il-Programm dwar il-Ġustizzja
(COM(2011)0759 – C7-0439/2011 – 2011/0369(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Mariya Gabriel

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jitlob lill-Kumitat għall-Affarjiet Legali u lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitati responsabbli, jinkorporaw l-emendi li ġejjin fir-rapport tagħhom:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma jipprevedi preparazzjoni ta' strateġija biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa, il-vjolenza domestika u l-mutilazzjoni ġenitali femminili li għandha tingħata segwitu permezz ta' pjan ta' azzjoni tal-UE.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) L-isfidi politiċi fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili u kriminali u l-ġlieda kontra d-drogi jeħtieġu approċċ Ewropew, multidixxiplinarju, integrat, ibbażat fuq terminu ta' żmien twil u li jkun impenjat fir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tan-nisa u l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-non-diskriminazzjoni.

Emenda 3

**Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) L-ilħiq tal-prijorità l-aktar importanti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha firrikjedi livell suffiċjenti u prediċibbli ta' fondi, għalhekk il-pass lejn is-simplifikazzjoni u ġestjoni iktar effiċjenti tal-ġhoti ta' fondi huma riservati permanentement għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha.

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) L-ġhoti ta' fondi għal programmi u attivitajiet li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa essenzjali biex ikun żgurat li l-baġit tal-UE jirrifletti l-impenn tat-TFUE lejn l-

ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'hekk il-Kummissjoni għandha tagħżel programmi u azzjonijiet għall-fondi billi tevalwa l-proposti kontra kriterji definiti minn qabel li jqisu b'mod partikolari l-valur miżjud Ewropew f'termini tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) L-ibbaġitjar fuq il-bażi tal-ġeneru huwa l-applikazzjoni tal-integrazzjoni tal-ġeneru fil-proċessi tal-baġit. Dan ifisser valutazzjoni tal-baġits bbażata fuq il-ġeneri, bl-inkorporazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneri fil-livelli kollha tal-proċess tal-baġit u r-ristrutturar tad-dħul u l-infiq sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) *B'mod konformi mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat war il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Programm għandu jappoġġja l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-objettivi kontra d-diskriminazzjoni fl-attivitajiet kollha tiegħu. Minitoraġġ regolari u evalwazzjoni għandhom jitwettqu sabiex jiġi evalwat il-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-antidiskriminazzjoni jiġu indirizzati fl-attivitajiet tal-Programm.*

(15) *Skont l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Programm għandu jappoġġja u jippromwovi l-integrazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-nondiskriminazzjoni fl-attivitajiet tiegħu kollha. Monitoraġġ regolari u evalwazzjoni għandhom jitwettqu sabiex jiġi evalwat il-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-*

twemmin, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali jiġu indirizzati fl-attivitajiet tal-Programm.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Billi l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-programm stipulati f'dan ir-regolament jikkonċernaw il-ħolqien ta' żona Ewropea ta' libertà u ġustizzja, dawn ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn sod kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tan-nisa u l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni;

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) 'membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju' tfisser imħallfin, prosekuturi, avukati, konsulenti legali, nutara, uffiċjali tal-qorti, marixxalli, interpreti tal-qorti u professjonisti oħra assoċjati mal-ġudikatura.

(b) 'membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju' tfisser ***in-nisa u l-irġiel kollha*** mħallfin, prosekuturi, avukati, konsulenti legali, nutara, uffiċjali tal-qorti, marixxalli, interpreti tal-qorti u professjonisti oħra assoċjati mal-ġudikatura;

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Programm għandu jiffinanzja azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet magħżula għal finanzjament

Il-Programm għandu jiffinanzja azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew ***u josserva l-prinċipji tal-ibbaġitjar fuq il-bażi tal-ġeneru***. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni

isiru bil-ħsieb li jipproduċu riżultati b'valur miżjud Ewropew u għandha tagħmel monitoraġġ dwar jekk il-valur miżjud Ewropew jinkisibx tassew permezz tar-riżultati finali tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm.

għandha tiżgura li l-azzjonijiet magħżula għal finanzjament isiru bil-ħsieb li jipproduċu riżultati b'valur miżjud Ewropew u għandha tagħmel monitoraġġ dwar jekk il-valur miżjud Ewropew jinkisibx tassew permezz tar-riżultati finali tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm. ***Il-valur miżjud Ewropew għandu jkun iġġudat fuq il-bażi tal-potenzjal tiegħu biex jikkontribwixxi għall-ilħiq tal-prijoritajiet l-aktar importanti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa.***

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-objettiv ġenerali tal-Programm għandu jkun li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona Ewropea tal-Ġustizzja permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali.

Emenda

L-objettiv ġenerali tal-Programm għandu jkun li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona Ewropea tal-Ġustizzja permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali ***filwaqt li jirrispetta s-sistemi legali tal-Istati Membri individwali. Jeħtieġ li t-twettiq tal-objettiv ġenerali tal-programm ikun marbut mal-osservanza tal-Artikoli 8, 9, 10, 11 u 18 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Programm għandu, b'mod partikolari, jimmira li josserva l-valuri tal-Unjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni.***

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva, komprensiva u konsistenti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-oġġettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, l-għadd ta' każi ta' kooperazzjoni transkonfinali.

Emenda

(a) il-promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva, komprensiva u konsistenti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali, ***kif ukoll regoli proċedurali aħjar, partikolarment fir-rigward tad-drittijiet tal-vittmi ta' reati, vjolenza u sfruttar sesswali, b'enfasi fuq il-vittmi l-iktar vulnerabbli, bħan-nisa u tfal.***

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-oġġettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, l-għadd ta' każi ta' kooperazzjoni transkonfinali.

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-oġġettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, il-perċezzjoni Ewropea dwar l-aċċess għall-ġustizzja.

Emenda

(b) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja.

L-indikatur li jkejjel il-ksib ta' dan l-oġġettiv għandu jkun, fost l-oħrajn, il-perċezzjoni Ewropea dwar l-aċċess għall-ġustizzja, ***u b'mod partikolari r-rispett tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-ugwaljanza fl-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd.***

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, jiġifieri

l-vjolenza li hija diretta kontra n-nisa għax huma, jew ikun maħsub li huma, nisa, jew vjolenza li hija diretta kontra persuna minħabba l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħha.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-programm għandu jkollu l-għan li jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, l-oriġini tar-razza jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fl-attivitajiet kollha tiegħu.

Emenda

Il-programm kopert minn dan ir-Regolament għandu jippromwovi u jappoġġa, flimkien mal-attivitajiet kollha tiegħu, id-drittijiet tan-nisa, l-awtonomità tan-nisa u l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-non-diskriminazzjoni.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-tishiġ tas-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar il-liġi u l-politiki tal-Unjoni;

Emenda

(a) it-tishiġ tas-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar il-liġi u l-politiki tal-Unjoni, partikolarment fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tan-nisa u l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-non-diskriminazzjoni;

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) il-promozzjoni tal-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, u t-teħid ta' miżuri effettivi biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa fil-forom kollha tagħha.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) it-tfittxija fl-azzjonijiet kollha tiegħu tal-appoġġ u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-implimentazzjoni effettiva tad-leġiżlazzjoni Ewropea, u t-titjib tar-regoli proċedurali, partikolarment fil-kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tan-nisa, il-bżonnijiet tat-tfal, il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità u l-miżuri fil-ġlieda kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru, ir-razza u l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali;

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u sħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta'

(a) attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u sħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta'

gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-unjoni; werkxops, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi;

gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-unjoni; werkxops, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi, ***filwaqt li jiġi żgurati li tiġi inkluża sistematikament perspettiva tal-ġeneru;***

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) attivitajiet ta' taħriġ għal membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju, bħal skambji ta' persunal, werkxops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ lill-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn u ta' xorta ***oħra;***

Emenda

(b) attivitajiet ta' taħriġ għal membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju, bħal skambji ta' persunal, werkxops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ lill-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn u ta' xorta ***oħra, li jagħtu attenzjoni partikolari lil kwistjonijiet bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-fenomenu tal-vjolenza fuq in-nisa; Il-moduli ta' taħriġ għandhom jiffasslu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet u l-esperti tas-soċjetà ċivili u għandhom jagħtu lill-professjonisti l-għodod biex jipprattikaw b'mod effettiv id-drittijiet u l-politiki tal-UE.***

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) taġġlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' revizzjoni ta' esperti

Emenda

(c) taġġlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' revizzjoni ta' esperti

ugwali fil-qasam; organizzazzjoni ta' konferenzi u laqgħat; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti medjatiċi, fosthom komunikazzjoni korportattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea; compilation and publication of materials to disseminate information as well as results of the Programme; żvilupp, operat u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

ugwali fil-qasam; organizzazzjoni ta' konferenzi u laqgħat; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti medjatiċi, fosthom komunikazzjoni korportattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea; compilation and publication of materials to disseminate information as well as results of the Programme; żvilupp, operat u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. ***Dawn l-attivitajiet ta' taqdim reċiproku, ta' kooperazzjoni, ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni għandhom jinkludu perspettiva ta' promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tal-aċċessibbiltà tan-nisa għall-pożizzjonijiet b'responsabbiltà kbira;***

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) appoġġ għal atturi ewlenin, bħall-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni; appoġġ għal netwerks ewlenin f'livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom ikunu konnessi mal-implimentazzjoni tal-obiettivi tal-Programm; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali f'livell Ewropew; finanzjament ta' networks tal-esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

Emenda

(d) appoġġ għal atturi ewlenin, bħall-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni; appoġġ għal netwerks ewlenin f'livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom ikunu konnessi mal-implimentazzjoni tal-obiettivi tal-Programm; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali f'livell Ewropew; ***appoġġ biex jiġu żviluppati servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, inklużi refuġji għan-nisa***, finanzjament ta' networks tal-esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew; ***finanzjament ta' istituzzjonijiet bħal l-aġenziji u l-entitajiet diċentralizzati tal-UE, kif ukoll l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u l-aġenziji tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fil-qasam kriminali u l-aġenziji marbuta***

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-allokkazzjoni finanzjarja tal-Programm tista' tkopri wkoll l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u għall-kisba tal-oġġettivi tiegħu; b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea, safejn jitqies li jkunu relatati mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-iġġenerazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

Emenda

2. L-allokkazzjoni finanzjarja tal-Programm tista' tkopri wkoll l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u għall-kisba tal-oġġettivi tiegħu; b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea, safejn jitqies li jkunu relatati mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-iġġenerazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm. ***Fl-interess tal-iżgurar ta' infiq effiċjenti u ġust tar-riżorsi, il-baġit tal-Programm għandu jkun suġġett għall-awditjar mill-perspettiva tal-ġeneri.***

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ regolari tal-Programm sabiex issegwi l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa skontu fl-oqsma ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 6 (1) u l-ksib tal-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5. Il-monitoraġġ ser jipprovdi wkoll mezzi ta'

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ regolari tal-Programm sabiex issegwi l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa skontu fl-oqsma ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 6 (1) u l-ksib tal-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5. Il-monitoraġġ ser jipprovdi wkoll mezzi ta'

valutazzjoni tal-mod kif il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza tas-sessi u n-nondiskriminazzjoni ġew indirizzati fost l-attivitajiet tal-programm. Fejn rilevanti, l-indikaturi għandhom ikunu disaggregati skont is-sess, l-età u d-diżabilità.

valutazzjoni tal-mod kif il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza tal-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni ġew indirizzati fost l-attivitajiet tal-programm. Fejn rilevanti, l-indikaturi għandhom ikunu disaggregati skont is-sess, l-età u d-diżabilità. ***Il-valur miżjud Ewropew f'termini tal-ilħiq tal-prijorità l-aktar importanti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa għandu jkun punt ta' riferiment prinċipali.***

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) L-evalwazzjonijiet li jsiru għandhom jivvalutaw il-kontribut l-iktar importanti tal-Programm għal Unjoni li tosserva l-valuri tal-ugwaljanza fl-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni.

PROĊEDURA

Taqsim	Il-programm dwar il-Ġustizzja għall-2014-2020	
Referenzi	COM(2011)0759 – C7-0439/2011 – 2011/0369(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 14.12.2011	LIBE 14.12.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 2.2.2012	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Mariya Gabriel 22.11.2011	
Artikolu 51 – Laqgħat konġunti ta' kumitati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.3.2012	

Data tal-adozzjoni	10.10.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Andrea Češková, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Mikael Gustafsson, Mary Honeyball, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Constance Le Grip, Astrid Lulling, Barbara Matera, Krisztina Morvai, Norica Nicolai, Angelika Niebler, Siiri Oviir, Antonyia Parvanova, Raül Romeva i Rueda, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Britta Thomsen, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Izaskun Bilbao Barandica, Minodora Cliveti, Mariya Gabriel, Ulrike Lunacek, Chrysoula Paliadeli, Antigoni Papadopoulou

PROĊEDURA

Titolu	Programm Ġustizzja għall-2014-2020		
Referenzi	COM(2011)0759 – C7-0439/2011 – 2011/0369(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	15.11.2011		
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 14.12.2011	LIBE 14.12.2011	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 14.12.2011	FEMM 2.2.2012	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Luigi Berlinguer 15.3.2012	Philip Claeys 15.3.2012	
Artikolu 51 - Laqgħat konġunti ta' kumitati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.3.2012		
Eżami fil-kumitat	21.6.2012	19.9.2012	7.11.2013
Data tal-adozzjoni	7.11.2013		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	29 1 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Edit Bauer, Luigi Berlinguer, Mario Borghezio, Rita Borsellino, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Salvatore Caronna, Ioan Enciu, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Monica Luisa Macovei, Nuno Melo, Alajos Mészáros, Claude Moraes, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Rui Tavares, Wim van de Camp, Josef Weidenholzer, Rainer Wieland, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Cashman, Mariya Gabriel, Vytautas Landsbergis, Davor Ivo Stier		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Zoltán Bagó, Liisa Jaakonsaari, Olle Ludvigsson		
Data tat-tressiq	19.11.2013		